MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 160/2003

**Misprint Promotional Services Limited**

**vs**

**Prova Limited u Clouds Catering Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li s-socjetajiet konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u hamsa u sittin lira Maltin u tletin centezmu (Lm465.30) rappresentanti bilanc minn somma akbar in konnessjoni ma' servizzi ta' stampar indikati fuq il-fattura datata 15 ta' Dicembru 2000, li kopja taghha hija annessa ma'l-avviz u immarkata bhala Dokument A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji datati 2 ta' Settembru 2002 u tat-22 ta' Ottubru 2002 (Dokumenti B u

C annessi ma'l-avviz) bl-imghax mid-data tal-hrug tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjetajiet konvenuti.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex s-socjetajiet konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment s-socjetajiet konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjetajiet konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u hamsa u sittin lira Maltin u tletin centezmu (Lm465.30), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-hrug tal-fattura Dokument A, anness ma'l-avviz.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittri interpellatorji datati 2 ta' Settembru 2002 u tat-22 ta' Ottubru 2002 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetajiet konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------